# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 7**

**Rikors numru 370/21/1 TM**

**Sebastian Dalli**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali**

1. Fit-3 ta' Frar 2009 l-attur kien ġie mressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja mixli bir-reat ta' assoċjazzjoni kkontemplat fl-Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dakinhar, fuq talba tal-prosekuzzjoni, kienet inħarġet ordni ta' iffriżar tal-assi kollha tal-attur ai termini tal-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-proċeduri kriminali kontra l-attur għadhom għaddejjin sal-lum il-ġurnata u għadhom jinsabu fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni. L-Ordni tal-Iffriżar imsemmija għadha għalhekk fis-seħħ

bis-saħħa tal-Artikolu 22A(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, skont liema ordni ta' iffriżar jibqa' fis-seħħ sakemm il-proċeduri jiġu deċiżi b'mod finali, jew sakemm is-sentenza tiġi esegwita fil-każ li l-akkużat jinstab ħati.

2. F'dawn il-proċeduri huwa għalhekk talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
> 2. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra wkoll leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-0rdni ta' Iffriżar qiegħed jinflinġi fuqu piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huwa ħati li kkommetta reat;
> 3. Tannulla, u tirrevoka l-0rdni tal-lffriżar mertu tal-proċeduri kriminali flismijiet "Pulizija [Supt. J. J. Fenech] v Sebastian Dalli';
> 4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;
> 5. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;
> 6. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.
> Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni".

3. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali eċċepew, *inter alia,* li l-attur qed jabbuża mill-proċedura kostituzzjonali għaliex iddeċieda li jiftaħ dawn il-proċeduri wara li l-Qorti Kriminali rat li ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed li permezz tagħhom setgħet tilqa' r-rikors intavolat minnu għar-revoka tal-Ordni tal-Iffriżar, li f'din il-kawża ma tistax issir reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali għaliex mhijiex forma ta' appell minnha, li m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex il-miżura mpunjata hija leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurtà pubblika

biex jiġi assigurat li flus ġejjin minn reati ma jintużawx għall-benefiċċju ta' min jikkommetti l-istess reati, li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea mhuwiex applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ, u li mhux ir-rwol ta' din il-Qorti li tannulla jew tirrevoka l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ b'mod leġittimu.

4. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-22 ta' Marzu 2022 ġie deċiz hekk:

> "Għaldaqstant din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq imsemmija qed taqta' u tiddeċiedi dawn il-proċeduri bil-mod segwenti:
>
> Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara illi dan sofra leżjoni tad-dritt tiegħu tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.
>
> Tiċħad it-tieni talba kif mitluba, iżda minflok issib li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem tar-rikorrent inkwantu manifestament ma ngħatax smiegħ xieraq minħabba dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri, l-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara et) -vs- Sebastian Dalli u dan bi ksur tal-artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni.
>
> Tilqa' it-tielet talba u tannulla u tirrevoka l-Ordni tal-Iffriżar mertu tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija ( Supt. J.J. Fenech ) -vs- Sebastian Dalli.
>
> Tilqa' ir-raba' talba u tillikwida bħala kumpens li għandu jingħata lir-rikorrent l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, disgħa mija ewro (€27,952) bl-imgħaxijiet legali mid-29 ta' Mejju 2019 sal-pagament effettiv għal raġunijiet fuq spjegati.
>
> Tilqa' l-ħames talba u tordna lill-intimati solidament bejniethom iħallsu issomma hekk likwidata bl-imgħaxijiet kif indikati.
>
> Tilqa' is-sitt talba u tordna li l-ammont li qed ikun likwidat ma għandux ikun milqut mill-Ordni inkwistjoni u għandu jitħallas direttament lir-rikorrent."

5. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-11 ta' April 2022 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata permezz ta' liema ġiet miċħuda l-allegazzjoni ta' leżjoni tad-dritt sanċit permezz tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni filwaqt li tħassar u tirrevoka l-kumplament tas-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellat.

6. L-attur appellat ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-30 ta' Mejju 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tikkonferma in toto s-sentenza appellata.

**Ikkonsidrat:**

**L-Ewwel Aggravju**

7. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kinitx koretta meta ma żammitx mat-talbiet tal-appellat, sabet ksur tal-Artikolu 6 u akkordat kumpens lill-appellat, meta din il-kwistjoni ma ġietx trattata f'din il-kawża u anzi għadha qed tiġi stabbilita minn Qorti oħra. Jgħidu li għalkemm jirrikonoxxu li l-Qorti Kostituzzjonali għandha poteri vasti, l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ppronunzjat ruħha dwar il-kwistjoni ta' dewmien ta' żmien għaliex b'hekk hemm ċans

gravi li jiġu preġudikati l-proċeduri li qed jinstemgħu quddiem l-Imħallef l-ieħor, jew jistgħu jiġu kkonsidrati superfluwi. Iżidu li huma ma ressqu l-ebda provi jew difiża f'din il-kawża dwar l-allegat dewmien u mhuwiex ġust li jiġu nfaċċjati b'somma ta' €27,952 bħala kumpens meta lanqas kellhom l-opportunità li jiddefendu ruħhom.

8. L-appellat iwieġeb li l-appellanti qed jikkontradiċu lilhom infushom f'dan l-aggravju għaliex effettivament qed jargumentaw li l-Ewwel Qorti kienet legalment skorretta fejn eżerċitat poteri li fil-fatt kienu eżercitabbli. Jgħid li l-Ewwel Qorti, mogħnija bis-setgħat kostituzzjonali, ma kienet bl-ebda mod impedita milli tippronunzja ruħha *ultra petita* billi *ex officio* tinvoka dritt fondamentali li l-ksur tiegħu ma jkunx ġie prospettat u reklamat fit-talbiet promoturi tal-attur. Isostni li l-proċeduri kostituzzjonali huma speċjali f'diversi aspetti u m'għandu jkun hemm l-ebda formalitá sakemm jiġu mħarsa l-prinċipji kollha ta' smigħ xieraq, għaliex fil-konklużjoni tal-kawża l-Qorti hija mogħtija poteri rimedjali diskrezzjonali vasti u b'hekk m'hemmx rabta essenzjali bejn dak li jkun mitlub u r-rimedju li jista' jingħata. Skont l-appellat, l-Ewwel Qorti ma kinitx strettament marbuta bl-indikazzjoni tal-artikoli kostituzzjonali postulati minnu u jekk ħassitha fi dmir li mill-fatti kif esposti għandha wkoll tirriskontra ksur tal-jedd għas-smigħ xieraq ikkawżat minn dewmien eċċessiv fil-proċeduri kriminali relattivi, hija kienet fil-libertà li tagħmel dan. Jgħid ukoll li mhuwiex minnu li l-appellanti ma kellhomx l-opportunità li jiddefendu

ruħhom fuq din il-kwistjoni għaliex il-fatti, il-lanjanzi u anke t-talbiet kif esposti fir-rikors tiegħu kienu jiċċentralizżaw fuq il-fatt li l-proċeduri kriminali kontra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja twalu, u għadhom jitwalu, b'mod irresponsabbli għall-aħħar, u dan il-punt ġie saħansitra sottolinjat minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu. Jargumenta li l-appellanti huma żbaljati meta jsostnu li l-kumpens ta' €27,952 ġie likwidat favur tiegħu unikament riżultat tal-fatt li l-Ewwel Qorti sabet leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba d-dewmien fil-proċeduri, għaliex l-Ewwel Qorti sabet ukoll leżjoni tad-dritt tiegħu hekk kif sanċit permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

9. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Qorti ma tħossx li għandha tieqaf hawn fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-każ li għandha quddiemha. Aktar 'l fuq ġie rilevat li l-perkors xejn ordnati tal-proċeduri kriminali u kif ukoll konvulżivi, kkontribwew għat-tul irraġjonevoli. F'dan ir-rigward, diġa' saret referenza għall-stedina li għamlet il-Qorti Kriminali biex ir-rikorrent jinizja proċeduri minħabba dewmien irraġjonevoli. Hekk ukoll għamlet il-Qorti tal-Maġistrati, meta sabet li t-talba tar-rikorrent biex il-każ ikun referut lil Qorti apposita minħabba dewmien essaġerat u sabet li din it-talba la kienet fiergħa u l-anqas vessatorja. Imma kif diġa' intqal, għal xi raġuni r-rikorrent naqas li jibbaża r-rikors odjern fuq dan l-aspett tal-proċeduri kriminali.
>
> L-Avukat tal-Istat fil-paragrafu 26 tan-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu jirrileva dan il-fatt u ċioe' li ma hux irressaq ilmet abbażi ta' dewmien irraġjonevoli.
>
> B'dana kollu, ma hemm xejn xi jżomm din il-Qorti milli xorta tikkunsidrah hi, partikolarment meta l-ksur huwa manifest. F'dan ir-rigward il-Qorti tirribadixxi d-dritt tagħha, inkwantu f'data mill-Kostituzzjoni f'artikolu 46 u 4, tal-Kostituzzjoni u l-Kap 319 tal-liġijiet ta' Malta rispettivament biex tħares id-drittijiet fundamentali tal-bniedem meta tkun adita għalhekk. Il-fiduċja tal-liġi fil-Qorti

tikkomprendi l-awtorita' imnissla mill-fatt li din hija funzjoni integrali għall-kompetenza oriġinali tagħha, li jekk waqt is-smiegħ jirriżultalha xi ksur manifest ta' xi dritt ieħor hija għandha tipprovdi għalih ukoll jekk mhux mitlub.

Il-Qorti qiegħda tagħmel emfażi fuq l-element manifest tal-ksur, għaliex hija l-fehma soda tagħha li dan huwa l-każ f'dawn il-proċeduri. Din it-tendenza diġa' ġiet manifestata fis-Sentenza tat-Tlieta 18 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet Il-Pulizija (Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara vs. Mario Zammit tal-Qorti Kostituzzjonali fejn intqal hekk:

"Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, minkejja li t-termini tar-referenza huma cirkoskritti ghad-dritt ta' smigh xieraq, id-determinazzjoni ta' din il-vertenza tinnecissità li tigi ezaminata l-pozizzjoni legali ta' Mario Zammit fl-ambitu wkoll tad-dritt fundamentali protett bl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni." (Emfażi ta' din il-Qorti).

Huwa veru, li l-każ appena ċitat kien jirrigwarda referenza kostituzzjonali. Mentri fil-każ odjern, il-Qorti ġiet adita oriġinarjament permezz ta' rikors ad hoc. B'dana kollu l-prinċipju enunċjat huwa fis-sustanza dak, li l-Qorti ma hiex marbuta bit-termini tal-ilment magħmul fil-każ ta' ħarsien tad-dritt fundamentali tal-bniedem.

Fil-kamp tal-ksur ta' drittijiet tal-bniedem jeżistu differenzi proċedurali essenzjali minn dawk li solitament ikunu applikati fil-kamp strettament ċivilistiku. Hekk per eżempju, l-kunċett ta' interess fil-każ Kostituzzjonali huwa aktar wisgħa u jista' jkun anke ipotetiku (x'aktarx ser jinkiser dritt), il-ħeffa u l-urġenza li huma eċċezzjonali għall-azzjoni ordinarja, il-mezz ta' introduzzjoni tal-ilment Kostituzzjonali u anke ix-xorta ta' rimedji, li jistgħu jingħataw b'mod aktar liberali minn dawk li jkunu mitluba f'rikors ġuramentat f'kawżi ordinarji.

Fil-fatt ma hemmx limitu għax-xorta ta' rimedji li jistgħu jingħataw anke jekk mhux mitluba. Fil-Kostituzzjoni u anke il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta espressament jikkonferixxu lill-Qorti il-poter li tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-dispożizzjonijiet li tħares id-drittijiet fundamentali.

Ma' dawn il-karatteristiċi speċjali ta' azzjoni bħal din tiżdied dik, li din il-Qorti għandha il-poter li tinvesti ukoll ksur ta' drittijiet fundamentali li għalkemm mhux mitluba jkunu manifesti. Huwa propju għalhekk, li l-Qorti Kriminali għamlet dik l-istedina lir-rikorrent, ħaġa mhux komuni, għaliex ħasset li d-dewmien kien manifest. X'jikkostitwixxu ksur manifest huwa fl-apprezzament ta' din il-Qorti jew dik Kostituzzjonali skont il-każ."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

10. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa fondat. Jirriżulta li l-kwistjoni tad-dewmien taż-żmien tal-proċeduri kriminali kontra l-attur u l-allegat ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ikkawżat minn dan id-dewmien kienet il-mertu ta' referenza kostituzzjonali bin-numru 31/2021 li ġiet deċiża fil-11 ta' Lulju 2022. Għalhekk, ġaladarba din l-istess identika kwistjoni kienet diġà qed tiġi nvestigata minn Qorti oħra l-Ewwel Qorti ma kellhiex tidħol f'din il-kwistjoni li lanqas biss kienet il-mertu tal-proċeduri quddiemha, u dan indipendentement minn kwalunkwe konsiderazzjoni dwar il-poter tal-Qorti li teżamina l-ilment tal-attur mill-ottika ta' ksur ta' dritt li ma jkunx ġie allegat mill-attur stess.

11. Il-Qorti ma taqbilx però mal-appellanti li dan ifisser li l-kumpens akkordat mill-Ewwel Qorti għandu jiġi rrevokat. L-Ewwel Qorti ma sabitx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq biss, iżda sabet ukoll ksur tad-dritt tal-appellant għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu. Għalhekk mhuwiex korrett l-argument li d-danni ġew akkordati minħabba s-sejbien ta' ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. Il-ksur xorta hu gravi bizzejjed biex jimmerita l-kumpens mogħti mill-Ewwel Qorti.

12. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ limitatament għal dak li għandu x'jaqsam mas-sejbien ta' ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq.

**Ir-Raba', Ħames u Sitt Aggravju**

13. Peress li dawn l-aggravji jitrattaw is-sejbien ta' ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, filwaqt li l-aggravji ta' qabilhom jirrigwardaw ir-rimedji mogħtija mill-Ewwel Qorti, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex l-ewwel titratta dawn it-tlett aggravji, li ser jiġu kkonsidrati flimkien.

14. Permezz tar-raba' aggravju tagħhom l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti njorat għal kollox li l-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att IV tal-2014 japplikaw għal ordni temporanja ta' ffriżar u mhux għall-ordni ta' ffriżar li ntlaqat biha l-appellat. Isostnu li l-appellat ipprova jiżvija l-Ewwel Qorti u rnexxielu, għaliex minn qari tal-Artikolu 22A(7), (8) u (9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa evidenti li dawn il-paragrafi jitkellmu dwar ordnijiet li huma temporanji, filwaqt li ħarsa lejn l-Ordni ta' Iffriżar mertu ta' dan il-każ turina biċ-ċar li l-ordni mhix waħda temporanja kif imsemmi fl-Artikolu 22A(7) iżda hija ordni maħruġa taħt l-Artikolu 22A(1). Jgħidu li dan għalhekk ifisser li l-pożizzjoni legali tal-appellat kif kienet meta ġie arrestat u kif inhi llum ma taffetwax il-każ tal-lum, u jilmentaw li dawn il-fatturi ġew imwarrba għal kollox mill-Ewwel Qorti.

15. Permezz tal-ħames aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti naqset għal kollox milli tikkonsidra l-għan wara Ordni ta' Iffriżar msejsa

fil-liġi u maħruġa skont il-liġi. Isostnu li l-Ordni ta' Iffriżar huwa neċessarju għaliex permezz ta' tali ordni imputat mixli bil-kommissjoni ta' reat relevanti jinzamm milli jiddisponi minn dawk il-flejjes jew proprjetà oħra li l-provenjenza u l-użu tal-istess tkun ġejja minn attività kriminali u dan fl-interess tal-kollettività. Jgħidu li l-Ordni tal-Iffriżar u l-liġi relatat miegħu huma konformi mad-Direttiva numru 2014/42/UE u jżidu li s-sentenza fl-ismijiet Shorazova v. Malta li għaliha għamlet referenza l-Ewwel Qorti mhijiex applikabbli għal fatti speċi ta' din il-kawża peress li f'dik il-kawża l-Awtoritajiet Maltin kienu qed jimxu biss skont id-direzzjoni tal-Awtoritajiet ta' Kazakistan li wisq probabbli kellhom motivi ulterjuri li jirrigwardaw persekuzzjoni politika, u li fi kwalunkwe każ is-sentenza għadha mhux finali peress li l-partijiet għandhom tlett xhur matul liema jistgħu jirreferu l-każ lil Grand Chamber. Jgħidu li anke s-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta v. Progress Press Company Limited et mhijiex applikabbli għal dan il-każ peress li kienet titratta każ ta' frodi fejn l-ammont li kien iffrodat kien kwantifikat mill-uffiċjali investigattivi. Jgħidu li d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali sabiex l-Ordni ma jiġix varjat għandha tittieħed b'serjetà għaliex id-deċiżjonijiet tal-Qrati għandhom jittieħdu fil-kuntest tal-każ partikolari u ma japplikawx *erga omnes*. Jargumentaw li l-Qorti li tkun ħarġet l-Ordni ta' Iffriżar ikollha viżjoni ċara ta' għalfejn ħarġet tali Ordni u għaliex tali Ordni ma tkunx ġiet varjata jew limitata għal ammont speċifiku, u varjazzjoni ssir biss jekk ikun hemm iċ-ċirkostanzi partikolari li titlob il-liġi. Jgħid li f'dan il-każ il-Qorti tat raġuni għalfejn tali ordni ma ġiex varjat, u

żgur li dan ma sarx arbitrarjament iżda wara studju bir-reqqa tal-provi li kellha quddiemha l-Qorti.

16. Permezz tas-sitt aggravju l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti waslet għal deċiżjoni żbaljata meta qieset li l-ilment tar-rikorrent relatat ma' allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kien ġustifikat. Jargumentaw li skont il-proviso tal-istess artikolu l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa, f'dan il-każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat, u li din il-miżura hija għal kollox neċessarja għaliex ir-reat in kwistjoni huwa wieħed gravi, u l-miżura hija leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interess tal-Istat li jżomm is-sigurtà pubblika. Skont l-appellant wieħed jista' biss jitkellem fuq ksur ta' drittijiet meta dak li jkun jiġi mneżża' minn kull dritt, li f'dan il-każ ma jirriżultax.

17. L-appellat iwieġeb li bl-introduzzjoni tas-sub-inċiż 9 tal-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta l-ħruġ ta' Ordni ta' Iffriżar m'għadux wieħed tassattiv, tant illi l-liġi tipprospetta dik is-sitwazzjoni fejn il-Qorti Kriminali tista' tissindika l-Ordni jew tiċħad it-talba jew ma tipproċedix minnufih għal ħruġ tal-Ordni, kif ukoll il-jedd għall-persuna mixlija li jitlob lil Qorti Kriminali tirrevoka d-deċiżjoni għall-ħruġ tal-Ordni ta' Iffriżar. Jgħid li l-pożizzjoni li ħadu l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom tikkonferma li huwa vittma tar-reġim l-antik, fejn għaliex il-prosekuzzjoni

titlob il-ħruġ ta' Ordni ta' Iffriżar il-Qorti ma jkollha l-ebda għażla ħlief li tordna li jinħareġ dak l-Ordni, li bilfors irid jibqa' fis-seħħ sas-sentenza finali u dan anke jekk mill-bidu jkun ċar li l-persuna mixlija m'għamlet l-ebda qliegħ u kwindi ma jkun hemm l-ebda rikavat. Jgħid li l-appellanti huma żbaljati meta jargumentaw li s-sub-inċiżi 7, 8 u 9 tal-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 japplikaw biss għal Ordni ta' Iffriżar temporanju għaliex fil-liġi m'hemmx żewġ tipi ta' ordni ta' iffriżar iżda biss wieħed. Skont l-appellant il-liġi tuża l-kelma temporanju għaliex tul il-perjodu ta' tlett ijiem minn meta jkun ġie mpost mill-Qorti tal-Maġistrati l-Ordni ma jkunx għadu sar definittiv peress li l-persuna milquta għandha l-fakultà li tirrikorri quddiem il-Qorti Kriminali sabiex tirrevoka l-ordni, u huwa għalhekk biss li l-Artikolu 22A(7) juża l-kelma 'temporanju.'

18. L-appellat jargumenta li l-veru problema f'din il-kawża tirrivolvi madwar il-fatt li l-Ordni ta' Iffriżar in kwistjoni ilu fis-seħħ għal tnax-il sena sħaħ u ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu sabiex jiġi limitat jew imħassar. Jgħid li m'hemmx dubju li Ordni ta' Iffriżar jista' jkun oġġettivament ġustifikat, iżda meta l-Prosekuzzjoni ma tkunx kapaċi tagħlaq il-każ tagħha fi żmien raġonevoli l-Ordni jitrasforma ruħu fi strument ta' oppressjoni. Iżid li fil-fatt id-Direttiva 2014/42/EU stess tisħaqq u tesiġi li miżura provviżorja bħalma hija Ordni ta' Iffriżar m'għandhiex tibqa' fis-seħħ iktar milli jkun meħtieġ, u jagħmel referenza għar-*recital* numru 31 tal-istess direttiva. Jgħid li l-element ta' proporzjonalità rikjest sabiex

miżura tkun kompatibbli mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea żgur mhuwiex sodisfatt f'dan il-każ meta l-ordni in kwistjoni ilu fis-seħħ tnax-il sena prinċiparjament kaġun tat-tkaxkir tas-saqajn tal-Avukat Ġenerali li għadu sal-lum ma ħariġx ir-rinviju għall-ġudizzju.

19. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Qorti ser tqies il-ksur ta' dan id-dritt fundamentali fid-dawl ta' żewġ ċirkostanzi. L-ewwel waħda hija dik li tirrigwarda it-tibdil fil-liġi bl-Att IV tal-2009. It-tieni waħda, il-mod kif ġew malamministrati l-proċeduri kriminali fil-waqt li l-ordni ta' konġelament kienet u għadha fis-seħħ b'mod li nħoloq żbilanċ bejn dak li huwa neċessarju għall-aħjar amministrazzjoni tal-Ġustizzja u dritt tar-rikorrent li jgawdi paċifikament il-propjeta' u possedimenti kollha tiegħu. Bil-kelma possedimenti, din il-Qorti ma tifhimx biss ħwejjeġ materjali, iżda anke dawk intanġibbli, fost oħrajn l-opportunitajiet mankati f'ħajjet il-persuna bħal ma huwa ġenerazzjoni ta' negozju jew ħiliet u kapaċitajiet tal-persuna li jiġġeneraw qliegħ jew ġid.
>
> Fil-parti prejambulari tal-konsiderazzjonijiet diġa' sar aċċenn għat-tibdiliet li saru fil-liġi. L-Att IV tal-2014 introduċa l-prinċipju li Ordni ta' konġelament jista' jkun ikkontestat minn min ikun akkużat. Dan id-dritt ma kienx jeżisti qabel l-2014. L-artikolu 22A(9) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:
>
> L-imputat jista' fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data li tkun saret l-ordni taħt is-subartikolu (7) jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tiġi revokata l-ordni, sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tiġix revokata mill-Qorti Kriminali
>
> Art 42. tal-Att IV tal-2014 , minn naħa l-oħra jiddisponi hekk:
>
> Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 24 u 35 ta' dan l-Att għandu jkollhom effett ukoll fir-rigward tal-proċedimenti kriminali kollha li jkunu għadhom quddiem kull Qorti fiż-żmien tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att ukoll jekk il-proċedimenti msemmija ikunu fis-stadju ta' appell.
>
> Dan ifisser, li l-emendi ma japplikawx għar-rikorrent, għaliex l-Att ma provdiex trażitorjament għal artiklu 31, li jittratta l-artikolu 22A tal-Kap 101 u li permezz tiegħu ġiet introdotta il-kontestazzjoni għall-ordni ta' iffriżar. Dan ifisser li s-sitwazzjoni tar-rikorrent baqet l-istess bħal ma kienet qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi, tant li l-Qorti Kriminali

ċaħditlu t-talba wara li nbidlet il-liġi. Dan iffisser, li r-rikorrent tħalla fil-limbu u dan x'aktarx minħabba "oversight" tal-leġislatur, li sal-lum għadu ma għamel xejn biex jindirizza din l-inġustizzja.

Imma anke li kieku ma kien hemm ebda tibdiliet fil-liġi, il-fatt li Ordni bħal din ma tkunx tista' tiġi kontestata, bħal ma kienet is-sitwazzjoni qabel l-2014, fiha innifisha hija ukoll liġi ħażina. Dejjem kellu jkun hemm dan il-mezz disponibbli għall-akkużat talinqas f'ċertu sitwazzjonijiet, bħal meta l-proċeduri jitwalu għal aktar minn kemm imisshom mingħajr ħtija tal-imputat, kif fil-fatt huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

L-emendi fil-liġi, ma sarux biex isir xi pjaċir lil xi ħadd imma għaliex kellu jkun hekk mil-bidu. Fil-fhema ta' din il-Qorti, ma kienx hemm għalfejn id-Direttiva numru 2014/42/EU biex dritt bħal dan jidħol fil-liġi tagħna. Huwa minn awl id-dinja, li l-imputat dejjem għandu jkollu d-dritt li jitlob li jitħassar jew ikun emendat Ordni ta' din ix-xorta. Id-Direttiva imsemmija fil-fatt tistabilixxi hekk:

4. Member States shall provide for the effective possibility for the person whose property is affected to challenge the freezing order before a court, in accordance with procedures provided for in national law. Such procedures may provide that when the initial freezing order has been taken by a competent authority other than a judicial authority, such order shall first be submitted for validation or review to a judicial authority before it can be challenged before a court.

6. Member States shall take the necessary measures to ensure that reasons are given for any confiscation order and that the order is communicated to the person affected. Member States shall provide for the effective possibility for a person in respect of whom confiscation is ordered to challenge the order before a court.

(34) The purpose of communicating the freezing order is, inter alia, to allow the affected person to challenge the order. Therefore, such communication should indicate, at least briefly, the reason or reasons for the order concerned, it being understood that such indication can be very succinct.

Minn dawn il-passaġġi tad-Direttiva, il-Qorti tislet żewġ konklużjonijiet:

L-ewwel, l-importanza li d-direttiva tagħti għad-dritt ta' kontestazzjoni għall-ordni It-tieni, li sal-lum ir-rikorrent għadu fil-pożizzjoni li kien qabel, daqs li kieku din id-Direttiva qatt ma eżistiet u l-liġi ma nbidlitx.

Għalkemm ordnijiet bħal dawn ma humiex per se kaġun ta' ksur ta' dritt fundamentali (ara Sentenza Mucci -vs- Italy) b'dana ma jfissirx li ma għandhomx ikunu attivati b'mod raġjonevoli u bilanċjat jew li l-imputat ma għandux ikollu dritt li jikkontesthom. Apparti dan, il-Qorti ma tistax ma tosservax, li filwaqt li r-rikorrent ma għandux dan id-dritt

ta' kontestazzjoni, mhux hekk għall-Avukat Ġenerali. Di fatti, artikolu 22A(8) jipprovdi li f'każ li l-Qorti tiċħadlu it-talba għall-konġelament tal-assi tal-imputat, l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa.

Dan ifisser, li fis-sitwazzjoni anomala tar-rikorrent, l-anqas teżisti parita' ta' armi f'din il-proċedura. Għalkemm huwa minnu li dan il-prinċipju jiġi ġeneralment invokat fil-każ ta' ksur ta' artikolu 39(2) u 6(I) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament (Ara Sentenza tas-16 ta' Frar 2000 fil-kawża Rowe and Davis vs. United Kingdom ), jibqa' l-fatt, li dan ikompli jbiegħed mir-rikorrent kull speranza li qatt jista' jkollu opportunita' li jirrevoka din l-ordni. Dan għaliex f'każ li t-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħruġ tal-Ordni ma tintlaqax, tista' pero' tintlaqa' mill-Qorti Kriminali wara appell miċ-ċaħda tal-Prosekuzzjoni. Għalhekk huwa sillogismu legali korrett jekk jingħad li l-mezz ta' kontestazzjoni ta' ordnijiet bħal dawn huwa intrinsikament marbut sfieq mad-dritt ta' tgawdija paċifika tal-propjeta' u biex ikun hemm it-tgawdija mhux neċessarjament irid ikun hemm propjeta' għaliex dan huwa dritt intinsiku tal-integrita' tal-individwu. Fi ftit kliem, id-dritt li nakkwista propjeta' mingħajr xkiel, anke jekk fil-mument propjeta' ma għandiex, ma għandux ikun inġustament imxekkel b'ordnijiet ta' din ix-xorta. Iċ-ċaħda tad-dritt ta' kontestazzjoni hija fiha innifsha u per se in-negazzjoni tat-tama li l-imputat li jkun jista' jibda jgawdi f'kollox jew parti minnha l-propjeta' tiegħu, dejjem jekk ikollu raġun fil-liġi. Jekk jirrikorru ċirkostanzi li ġustament jagħtu lok għar-revoka tal-ordni, iżda dan ma jkunx jista' jsir, għaliex ma hemmx disponibbli il-mezz kif ir-rikorrent jista' jitlob dan il-bdil, ikun ifisser, li jkun qiegħed jiġi imċaħħad inġustament milli jgawdi ħwejjġu paċifikament. Għalhekk l-għotja ta' possibbilita' li jikkontesta ordni bħal din, remot kemm hu remot is-suċċess tal-kontestazzjoni, joffri tama lill-persuna li tista' possibilment terġa' tibda tgawdi jew tużufruwixxi mill-propjeta' jew possedimenti tagħha.

Kif diġa' ingħad aktar 'l fuq, din il-Qorti bil-kelma possedimenti tifhem ukoll il-ħiliet u kapaċitajiet tal-individwu li jistgħu ikunu impjegati f'attivita' industrijali li tista' tirrendilu xi xorta ta' qliegħ jew jakkwista propjeta' futura. Għalhekk il-Qorti ma tistax taqbel mal-Avukat tal-istat meta jargumenta li r-rikorrent jammetti li ma kienx fittex xogħol. Ma hemm ebda dubju li din l-ordni żgur ser tkun ta' xkiel, l-ewwel biex isib impieg u t-tieni min jimpjegaħ kien ser ikollu l-obbligu li ma jagħddilux il-ħlas qua sekwestratarju b'konsegwenza tal-ordni. Il-Qorti hija konvinta u ma għandha ebda dubju, aktar u aktar llum mill-bieraħ, minħabba l-eżerċizzji ta' due diligence fuq il-persuna li saru tant frekwenti, l-konsegwenzi ovvja u pervasiva ta' din ordni ta' din ix-xorta ser tkun ċertament ta' tfixkil u ostaklu fil-milja kollha tal-ħiliet u kapaċitajiet tal-individwu, Di piu' il-Qorti tfakkar ukoll li f'sitwazzjonijiet jista' jkollok vittmi indiretti, bħal ma huma dawk dipendenti u membri tal-familja. Fis-Sentenza riċentissima tal-ECHR fl-ismijiet Shorazova -vs- Malta (applikazzjoni numru 51853/19 tat-3 ta' Marzu 2022 dik li

osservat hekk fir-rigward ta' ordnijiet bħal dak mertu ta' dawn il-proċeduri:

"The Court further notes that the entirety of the applicant's assets held in Malta were frozen, and continued to be so, for nearly eight years. The only variations made by the domestic court (under Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Or-dinance) during that period, were of little since they did not lift the freezing order over any of the property. Save for the authorisation to make certain pay-ments, they solely allowed for limited use and transfers of some of the property which was and remained affected by the freezing order. The relevant proceeds obtained from such transactions were also to be affected by the order (see par-agraph 43 above) (see, acontrario, Karahasanoğlu , cited above, § 153). The remaining requests, as accepted by the Government, were rejected. Thus, the order remained far-reaching, despite the absence of any assessment as to any correlation to the 'charges' pending against the applicant (see paragraph 114 above), even assuming they were genuine and based on a persistent reasona-ble suspicion".

Wara li eżaminat u qieset il-liġijiet kollha rilevanti ta' pajjiżna din il-Qorti waslet għas-segwenti konkluzjoni :

"In the light of the above the Court considers that, in the procedure before the Criminal Court by which the freezing order was issued and repeatedly extended in the applicant's case, until July 2021, she was deprived of relevant procedural safeguards against an arbitrary or disproportionate interference. The constitutional jurisdictions failed to rectify those omissions as they merely paid lip service to the relevant criteria in their assessment of the impugned measure (see paragraphs 58 and 66 above) which the applicant had claimed was in breach of her rights under Article 1 of Protocol No. 1. As a result, her property rights were rendered nugatory". (Emfażi tal-Qorti)

Fil-każ ċitat hawn fuq, il-proċeduri kienu ilhom 8 snin pendenti. Fil-każ odjern il-każ ilu 12-il sena għaddej.

Huwa interessanti li l-Qrati tagħna, partikolarment il-Qrati tal-Maġistrati fil-kompetenza Kriminali tagħhom, kemm-il darba għamlu osservazzjonijiet simili għal dawk ennunċjati mill-ECHR fis-Sentenza suċitata. Hekk fid-digriet tad-9 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta -vs- Brian Tonna et, per Maġistrat Donatella Frendo fir-rigward ta' ordnijiet ta' din ix-xorta il-Qorti ħasset li kellha tgħid hekk:

"Għalhekk f'każ li (i) jiġi determinat a priori l-ammont ta' l-allegat rikavat jew (ii) (addirittura bħal ma hu l-każ in deżamina) jirrizulta li ma jkunx hemm rikavat u cioe` l-persuna imputata ma tkun ipperċepiet l-ebda propjetà` jew flejjes ta' provvenjenża illeċita, li ordni t'iffriżar jitħalla jibqa' in vigore għat-tul tal-proċeduri, bid-diffikultajiet u tbatijiet

li indubbjament tali ordni jġorr miegħu, ikun tassew inġust fil-konfront tal-persuna imputata li l-ordni jestendi fuq propjetà, flejjes jew assi ta' kull xorta li jiżboq l-ammont tal-allegat rikavat. Multo magis meta ma jkun hemm l-ebda rikavat!" (Ara ukoll Digrieti tas-17 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet Ir-Repubblika -vs- Yorgen Fenech u kif ukoll dak tas-17 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet Repubblika -vs- Vincent Buħaġiar kollha per Maġ Donatella Frendo).

Dawn l-aħħar żewġ digrieti jakkwistaw importanza mhux biss inkwantu jitfgħu dawl fuq il-bilanċ li jrid jintlaħaq bejn din l-ordni u id-drittijiet tal-akkużat, iżda wkoll għaliex, minn eżami tal-atti tal-Kumpilazzjoni, ir-rikorrent kemm-il darba saħaq li minkejja s-snin kollha li għaddew minn fuq il-proċeduri, għad ma hemmx prova li għamel xi profitt jew qliegħ. Ordni bħal din hija inrinsikament marbuta mal-fatt li l-assi ffriżati huma provenjenti minn qliegħ magħmul minn attivita' illeċita' b'riflessjoni tal-pieni stabbiliti taħt artikolu 22 tal-Kap 1010 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk fid-dawl tat-tul ta' żmien esaġerat, b'kondotta tal-aġenti kollha tal-Istat li tirraża l-parodija ta' ġustizzja, b'defiċjenza waħda wara l-ħlas u l-effett pervasiv fuq il-patrimonju tar-rikorrent, il-Qorti ssib li tassew ġie miksur id-dritt tar-rikorrent protett minn artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

20. Fir-raba' aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata peress li skont huma l-emendi li saru fl-2014 fl-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta qatt ma setgħu jkunu applikabbli fir-rigward tal-appellat peress li jitrattaw Ordni ta' Iffriżar temporanju ai termini tal-Artikolu 22A(7), li huwa distint minn dak li inħareġ fil-konfront tal-appellat ai termini tal-Artikolu 22A(1). Min-naħa tiegħu l-appellat jgħid li dan l-argument huwa żbaljat għaliex il-liġi ma toħloqx żewġ tipi differenti ta' ordni ta' iffriżar u li l-ordni temporanju li għalih jagħmlu referenza l-appellati huwa sempliċiment ordni ta' iffriżar

maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati li jkun suġġett għall-appell quddiem il-Qorti Kriminali. Wara li rat l-artikoli relevanti din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellat u tqis li l-appellanti għandhom raġun meta jgħidu li l-proċedura li nħolqot permezz tal-emendi tal-2014 mhux applikabbli fiċ-ċirkostanzi tal-appellat. A kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellat huwa ċar li l-liġi toħloq żewġ tipi distinti ta' Ordni ta' Iffriżar, wieħed permezz tal-Artikolu 22A (1) u l-ieħor permezz tal-Artikolu 22A(7), u dan kif jirriżulta manifestament mid-diċitura tal-liġi. L-Artikolu 22A(1) jipprovdi li l-Qorti għandha toħroġ Ordni ta' Iffriżar fuq talba tal-prosekuzzjoni meta l-akkużat ikun qiegħed jiġi mixli "b' bejgħ jew bi traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt is-sub-artikolu (1)(f) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fis-sub-artikolu (1Ċ) tal-istess artikolu, jew bir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali, kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati." Skont l-Artikolu 22A(2) imbagħad dan l-ordni jibda jseħħ immedjatament malli jsir u jibqa' hekk iseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklussiv u fil-każ ta' sejbien ta' ħtija sakemm mis-sentenza tkun ġiet esegwita. L-Artikolu 22A(7) min-naħa l-oħra jipprovdi hekk:

> "Meta l-qorti ma tipproċedix minnufih biex tagħmel ordni kif meħtieġ taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' iffriżar li għandha l-istess effett bħal ordni li tkun saret taħt dan l-artikolu, liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi artikolu."

21. Huwa ċar għal din il-Qorti allura li l-ordni ta' iffriżar provdut fis-sub-inċiż 7 tal-Artikolu 22A mhuwiex l-istess ordni kkontemplat fl-ewwel sub-inċiż tal-istess artikolu. Anzi hija l-liġi stess li tgħid li dan l-ordni jinħareġ kemm-il darba il-Qorti ma tkunx ipproċediet minnufih sabiex tagħmel ordni taħt l-ewwel sub-inċiż, li jfisser li l-Ordni ta' Iffriżar ipprospettat mis-sub-inċiż 7 jinħareġ biss meta ma jkunx inħareġ mill-ewwel ordni ta' iffriżat taħt is-sub-inċiż 1. Minn dan isegwi li dan iż-żewġ sub-inċiżi joħloqu Ordni ta' Iffriżar distinti, minkejja li għandhom l-istess effett, u li huma ntiżi sabiex jaqdu għanijiet differenti. Huwa mbagħad l-Artikolu 22A(9) li joħloq id-dritt ta' appell li dwaru m'hemmx qbil bejn il-partijiet. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> "L-imputat jista' fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data li tkun saret l-ordni taħt is-subartikolu (7) jagħmel rikors fil-Qorti Kriminali biex tiġi revokata l-ordni, sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tiġix revokata mill-Qorti Kriminali."

22. Huwa ċar għalhekk li dan id-dritt ta' appell japplika biss fir-rigward ta' Ordni ta' Iffriżar maħruġ ai termini tas-sub-artikolu 7 u mhux ukoll għal dak maħruġ bis-saħħa tal-ewwel sub-artikolu, u dan kif jipprovdi espressament is-sub-inċiż appena ċitat. Fi kliem ieħor il-Qorti tifhem li l-liġi tipprovdi għal żewġ ċirkostanzi:

i. Il-Qorti tista mill-ewwel toħroġ ordni ta' iffriżar li jibqa' fis-seħħ sakemm tiġi esegwita l-eventwali sentenza jew sakemm l-akkużat ma jiġix liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra

tiegħu b'mod finali skont ma jkun il-każ. F'dan il-każ m'hemm l-ebda dritt ta' appell kontra l-Ordni tal-Iffriżar.

ii. Il-Qorti tista' tagħżel li ma toħroġx ordni ta' iffriżar taħt l-Artikolu 22A(1), f'liema każ il-Qorti għandha toħroġ ordni ta' iffriżar ai termini tal-Artikolu 22A(7). F'dan il-każ il-prosekuzzjoni għandha dritt tagħmel appell kontra d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li ma toħroġx l-ordni ai termini tal-Artikolu 22A(1) **skont kif provdut l-Artikolu 22A(8)**, u l-akkużat għandu dritt jagħmel appell kontra l-ħruġ tal-ordni ta' iffriżar taħt l-artikolu 22A(7) **skont kif provdut fl-Artikolu 22A(9).**

23. Iżda l-Qorti taqbel mal-appellat li dan bl-ebda mod ma jgħin il-pożizzjoni tal-appellanti f'din il-kawża. Ikkonsidrat li l-appellat qiegħed jilmenta dwar il-fatt li m'għandu l-ebda mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar maħruġ kontra tiegħu, din il-Qorti qajla tifhem kif l-appellanti jħossu li aggravju li l-ġist tiegħu huwa li l-appellat m'għandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar ser jimmilita favur tagħhom. L-appellant lanqas ma jistgħu jinħbew f'dan ir-rigward wara d-Direttiva 2014/42/UE għaliex a kuntrarju ta' dak argumentat minnhom il-liġi Maltija mhijiex fil-fatt konformi ma' dak dispost f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva tistabbilixxi espressament li persuna suġġetta għal ordni ta' iffriżar għandha jkollha dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħha, u li l-persuna affetwata għandu jkollha possibilità effettiva li tikkontesta

dik l-ordni.[1] Għalhekk l-appellanti ma jistgħux isostnu li l-liġi in kwistjoni hija konformi mad-direttiva msemmija imbagħad fl-istess nifs jgħidu li l-appellat m'għandux u qatt ma kellu dritt li jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar li nħareġ kontra tiegħu.

24. Huwa assolutament infondat imbagħad l-ilment tal-appellanti li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-għan wara ordni ta' iffriżar. Anzi l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-ħruġ ta' ordni ta' iffriżar mhuwiex fih innifsu leżiv tad-drittijiet fondamentali. Fil-fatt id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex fis-sens li l-ħruġ ta' dan l-ordni kien minnu nnifsu leżiv tad-drittijiet tal-appellat. Is-sejbien ta' ksur sar mill-Ewwel Qorti wara li kkonsidrat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u partikolarment il-fatt li l-appellat m'għandu l-ebda mod kif jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar abbinat mad-dewmien taż-żmien fil-kawża kontra tiegħu, fatturi li l-Ewwel Qorti sabet li jwasslu għal nuqqas ta' proporzjonalitá bejn l-interess ġenerali u d-drittijiet tal-appellat.

25. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellanti li l-Qorti Kriminali żammet l-Ordni ta' Iffriżar fis-seħħ għaliex sabet li kien ġustifikat u neċessarju fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u li dawn il-proċeduri huma intiżi sabiex issir reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni minkejja li dawn il-Qrati mhumiex Qrati ta' reviżjoni. Huwa ċar li l-qrati ordinarji m'għamlu l-ebda analiżi tal-fatt u ma

[1] Ara Art. 8(1) u (4) tad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea.

ħadux kont tal-kuntest tal-kawża kif jgħidu l-appellanti. Dan mhux b'xi nuqqas tal-Qrati ordinarji iżda minħabba li hekk kif jinħareġ ordni ta' iffriżar bis-saħħa tal-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemm l-ebda proċedura disponibbli għall-akkużat biex jikkontesta dak l-ordni. Fil-fatt, fid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' Jannar 2021 (*fol.* 50) il-Qorti qalet ċar u tond li t-talba kienet qed tiġi miċħuda minħabba "…dak espost fil-liġi partikolarment li l-Ordni tal-Iffriżar jibqa' fis-seħħ sas-sentenza finali." L-ebda raġuni msejsa fuq il-fatti jew il-kuntest tal-każ ma ngħatat mill-Qorti, fatt li manifestament jikkontradiċi dan l-argument tal-appellanti. Minn dan għandu jsegwi wkoll li dawn il-proċeduri ma' jistgħu qatt jitqiesu li huma tentattiv ta' reviżjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti ordinarja kompetenti.

26. Anke l-argument magħmul mill-appellanti fis-sitt aggravju fis-sens li wieħed jista' jitkellem dwar ksur ta' dritt biss meta jiġi mneżża' minn dak id-dritt huwa kompletament żbaljat. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jitratta wkoll sitwazzjonijiet fejn ikun hemm kontroll tal-użu tal-possedimenti tal-individwu. Il-Qorti tirrileva fil-fatt li din il-Qorti diġà sabet saħansitra li anke l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa applikabbli meta jsir ilment dwar Ordni ta' Iffriżar tal-assi tal-akkużat għaliex "[i]l-*ius abutendi* – il-jedd li tikkonsma jew tiddisponi mill-proprjetà – huwa wieħed mill-fakoltajiet ewlenin tal-proprjetà. Għalhekk, li sid jiġi mċaħħad milli jikkonsma jew jiddisponi minn ħwejġu huwa teħid ta'

interess fi proprjetà, u jintlaqat mill-Art. 37."[2] Fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-applikabilitá tiegħu fil-kuntest tal-iffriżar ta' assi ta' imputat pendenti l-proċeduri kriminali kontra tiegħu, il-Qorti Ewropea qalet ċar u tond li "…*the seizure of property for legal proceedings normally relates to the control of the use of property, which falls within the ambit of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention*."[3] M'hemmx dubju għalhekk li dan l-argument tal-appellanti huwa priv minn kwalunkwe fondament ġuridiku.

27. Il-Qorti tosserva li mill-atti assolutament ma jirriżultax li hemm relazzjoni ta' proporzjonalita bejn l-ordni ta' iffriżar in kwistjoni u l-ordni ta' konfiska li jista' eventwalment ikun meħtieġ fil-każ li l-appellat jinstab ħati. Għalkemm l-appellanti jgħidu li peress li l-kawża kontra l-appellat ma tirrigwardax ħasil ta' flus l-ammont li jista' jkun suġġett għall-konfiska mhuwiex stabbilit, il-Qorti tosserva li f'kawżi rigwardanti traffikar ta' droga huwa possibbli li espert maħtur mill-Qorti jagħti stima tal-valur tad-droga maqbuda, kif fil-fatt isir kemm-il darba. F'dan il-każ dan qatt ma seħħ fit-tlettax-il sena li l-Ordni ta' Iffriżar ilu fis-seħħ, u għalhekk jekk m'hemmx ammont kwantifikat li jista' jkun suġġett ta' konfiska dan mhuwiex ħlief tort ta' nuqqas min-naħa tal-Avukat Ġenerali. Oltre dan il-Qorti tosserva li d-'droga' ġiet interċettata mill-pulizija u għalhekk qatt m'għaddiet f'idejn u ġiet mibjugħa mill-appellat. Aktar minn hekk, mir-rapport tal-espert

---

[2] **George Tabone et v. L-Avukat Ġenerali** (Kost., 05/08/2018).
[3] **Džinić v. Croatia** (QEDB, 17/08/2016).

forensiku maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti rriżulta li s-sustanza li ġiet maqbuda mill-pulizija lanqas biss hija sustanza illeċita. Dan il-fatt kien magħruf sa minn qabel mal-prosekuzzjoni ressqet lill-appellat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u minkejja dan xorta waħda talbet il-ħruġ ta' ordni ta' iffriżar fil-konfront tal-assi kollha tal-appellat. Agħar minn hekk, minħabba l-mod ta' kif ġiet promulgata l-liġi, hekk kif inħareġ dan l-Ordni l-appellat ma kellu l-ebda mod kif jikkontestah għaliex l-Istat naqas milli jpoġġi fis-seħħ mezz ta' appell biex il-persuna konċernata tkun tista' titlob li l-Qorti tirrevedi n-neċċessitá li l-ordni jibqa fis-seħħ u anzi minflok illeġisla li l-Ordni jrid jibqa' fis-seħħ tassattivament sakemm jispiċċaw il-proċeduri fi grad ta' appell jekk ikun il-każ, irrispettivament minn kull fattur li jista' jimmilita kontra ż-żamma fis-seħħ ta' dan l-Ordni. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Džinić v. Croatia** (QEDB, 17/05/2016) fejn instabet leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea proprju għaliex:

> "…*the impugned seizure of the applicant's real property in the context of the criminal proceedings at issue, although in principle legitimate and justified, was imposed and kept in force without an assessment of whether the value of the seized property corresponded to the possible confiscation claim. The Court therefore finds that the application of such a measure was not adequate to demonstrate that a requirement of "fair balance" inherent in the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 was satisfied*."

28. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-proċess tal-proċeduri kriminali kontra l-appellat, u tqis l-attitudni tal-Avukat Ġenerali fihom hija ċensurabbli għall-aħħar. In-nuqqas ta' komunikazzjoni effettiva bejn il-Pulizija u l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali kienet palpabbli min-noti ta' rinviju mibgħuta mill-

Avukat Ġenerali u d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Pulizija fil-verbali tal-Qorti. Il-Qorti tinnota li fis-7 ta' Mejju 2009 il-Pulizija vverbalizzat li għajr għall-konklużjoni min-naħa tal-espert maħtur mill-Qorti, Martin Bajada (li kellu nkarigu li jirrelata dwar *data* mill-*mobile phone* tal-appellat), il-prosekuzzjoni ma kienx fadlilha provi xi tressaq. Minkejja dan, il-kawża għadha fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni sal-llum il-ġurnata, tlettax-il sena wara li saret din id-dikjarazzjoni. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Avukat Ġenerali talab li jiġu preżentati *transcripts* tat-telefonati interċettati mis-Servizzi Sigrieti biss f'Settembru 2012, meta r-*recordings* relattivi kienu ġew esebiti hekk kif bdiet il-kawża tlett snin qabel. Din it-talba għall-preżentata tat-*transcripts* tawwlet il-kawża b'numru ta' snin, u rat il-ħatra ta' erba' esperti differenti. Waħda minn dawn l-esperti kienet neċessarja peress li kien hemm xi telefonati bil-lingwa Għarbija. Il-bqija ġew maħtura biex jirrimpjazzaw lil ta' qabilhom. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi wieħed minn dawn l-esperti, u ċioè Vincent Ciliberti, kienet fil-fatt lesta t-*transcripts* iżda dawn baqgħu qatt ma ġew esebiti peress li l-inkarigu tiegħu ġie revokat wara li ma kienx hemm qbil bejnu u bejn ir-Reġistru tal-Qorti dwar il-mod kif kellu jiġi ntaxxat id-dritt tiegħu. Wara Vincent Ciliberti ġiet maħtura ċertu Christine Farrugia f'Ġunju 2018, li sal-lum il-ġurnata għadha ma preżentatx it-*transcripts* li kellha tirrediġi. Għal kważi sentejn sħaħ imbagħad, bejn l-2018 u l-2020 kien hemm skambju bejn il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali. F'dawn is-snin in-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali kienet fis-sens li l-Qorti kellha tisma' l-provi li kien fadlilhom il-Pulizija. Min-

naħa tagħhom il-Pulizija kemm-il darba ddikjaraw li ma kienx fadlilhom provi, kif wara kollox kienu ilhom li ddikjaraw minn Mejju 2009 (għajr għar-relazzjoni ta' Martin Bajada li issa kienet ġiet preżentata). B'sorpiża għal kulħadd, fin-nota ta' rinviju tat-28 ta' Frar 2020 l-Avukat Ġenerali talab li l-Qorti tal-Maġistrati tisma' tmien xhieda u li jiġu prodotti numru ta' dokumenti. Din kienet ta' sorpriża anke għall-Pulizija stess li fil-verbal tal-10 ta' Marzu 2020 iddikjarat li ma kellhomx xhieda mħarrka għaliex kienu taħt l-impressjoni li ma kienx fadal xhieda x'jiddeponu fil-kawża. Fis-seduta ta' wara l-Pulizija nformaw lil Qorti li dak kollu li kien talab l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju msemmija kien diġà sar. Minkejja dan, l-Avukat Ġenerali baqa' jibgħat l-istess nota ta' rinviju kull darba. Din hija attitudni tassew inspjegabbli, u l-Qorti tosserva f'dan ir-rigward li mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li kull darba li l-Qorti ordnat lill-Avukat Ġenerali sabiex jagħti spjegazzjoni dwar in-neċessità ta' ċertu prova mitluba fin-nota ta' rinviju jew sabiex jara kif jagħmel biex jiffinalizza l-każ tiegħu, l-Avukat Ġenerali baqa' intransiġenti u baqa' jibgħat l-istess noti ta' rinviju daqs li kieku lanqas kien qiegħed jindenja ruħu mhux biss jara x'sar fil-kawża b'mod ġenerali, imma mqar jaqra l-aħħar verbal li jkun sar biex ikun f'pożizzjoni li jagħti l-ispjegazzjoni mitluba mill-Qorti u joħroġ nota ta' rinvinju li tirrifletti dak li ġara fil-kawża.

29. Għalkemm huwa minnu li din il-kawża mhijiex dwar id-dewmien ta' żmien, iż-żmien li damu għaddejjin il-proċeduri, u r-raġuni għalfejn damu

tant għaddejjin hija xorta waħda fattur relevanti sabiex tiġi kkonsidrata l-proporzjonalità tal-ordni tal-iffriżar li min-natura tiegħu huwa intiż sabiex ikun miżura temporanja.  Meta jkunu għaddew però tlettax-il sena minn meta nħareġ u l-kawża mhux biss tkun għadha għaddejja iżda tkun għadha fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni bl-ebda ħjiel dwar meta ser tispiċċa wieħed jibda jiddubita kemm din il-miżura tista' tibqa' titqies bħala waħda sempliċiment temporanja.  F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet **Yassin Abdullah Kadi v. European Commission** tal-2010 fejn ġie kkonsidrat hekk:

> "…*given that now nearly 10 years have passed since the applicant's funds were originally frozen—it is not now time to call into question the finding ... according to which the freezing of funds is a temporary precautionary measure that, unlike confiscation, does not affect the very substance of the right of the persons concerned to property in their financial assets but only the use thereof. ... In the scale of a human life, 10 years in fact represent a substantial period of time and the question of the classification of the measures in question as preventative or punitive, protective or confiscatory, civil or criminal seems now to be an open one*."

30. Agħar minn hekk, kif huwa ammess mill-appellanti stess, l-appellat ma kellu l-ebda mezz sabiex jikkontesta dan l-Ordni, u ġie mpoġġi f'pożizzjoni mill-Istat li jibqa' jissubixxi l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontra tiegħu fl-2009 sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod finali, ikun meta jkun dan u rrispettivament minn kwalunkwe ċirkostanza li setgħet żviluppat fil-frattemp.  F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Shorazova v. Malta** (QEDB, 03/03/2022) fejn intqal hekk:

> "…*the importance of the procedural obligations under Article 1 of Protocol No. 1 must not be overlooked. Thus the Court has, on many occasions, noted that, although Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, judicial proceedings concerning the right to the peaceful enjoyment of one's possessions must also afford the individual a reasonable opportunity of putting his or her case to the competent authorities for the purpose of effectively challenging the measures interfering with the rights guaranteed by this provision (see G.I.E.M. S.R.L. and Others, cited above, § 302 and the case-law cited therein). An interference with the rights provided for by Article 1 of Protocol No. 1 cannot therefore have any legitimacy in the absence of adversarial proceedings that comply with the principle of equality of arms, allowing discussion of aspects that are important for the outcome of the case*.
>
> [*omissis]*
>
> *According to the Court's case-law, the character of the interference, the aim pursued, the nature of property rights interfered with, and the behaviour of the applicant and the interfering State authorities are among the principal factors material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the applicants (see Karahasanoğlu, cited above, § 149). While the length of time during which the restrictions remained in place is a crucial part of the Court's assessment, the scope and nature of restrictions as well as the presence or absence of procedural guarantees are no less relevant (ibid., § 151). Indeed in previous cases where lengthy precautionary measures gave rise to a violation of Article 1 of Protocol No. 1, the finding of a violation was based on an accumulation of factors (see for example JGK Statyba Ltd and Guselnikovas v. Lithuania, no. 3330/12, §§ 130-33, 5 November 2013, and Džinić, cited above, §§ 70-82)*."

31. Għalkemm l-appellanti jgħidu li din is-sentenza appena ċitata mhijiex applikabbli għall-fattispeċi ta' dan il-każ peress li kienet titratta ċirkostanzi partikolari, il-prinċipji ġenerali li jistgħu jinstiltu minn din is-sentenza, u li huma bbażati fuq il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti, huma applikabbli independentement mill-fatti partikolari tal-każ. Minn din is-sentenza huwa ċar li għalkemm ordni ta' iffriżar huwa miżura leġittima u fl-interess ġenerali (kif huwa aċċettat anke mill-appellat stess) il-Qorti

għandha teżamina kemm il-garanziji proċedurali li jeżistu fil-liġi u kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż id-dewmien taż-żmien tal-kawża sabiex tiddetermina jekk id-drittijiet fondamentali tal-akkużat sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea humiex qed jiġu rispettati. Huwa ċar li dan mhuwiex il-każ hawnhekk għar-raġunijiet ġia spjegati, inkluż id-dewmien ta' żmien tal-proċeduri penali kontra l-appellant u n-nuqqas tal-leġislatur li jpoġġi fis-seħħ għodda legali li tagħti lil qrati ordinarji l-poter li jeżaminaw jekk l-ordni għadux ġustifikat skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

32. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li l-appellat sofra leżjoni tad-dritt tiegħu sanċit permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**It-Tieni Aggravju**

33. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ħassret l-Ordni ta' Iffriżar għaliex mhuwiex l-irwol ta' din il-Qorti li tħassar ordni ta' iffirżar maħruġ mill-Qorti kompetenti, u dan irrispettivament minn kemm jistgħu jdumu l-proċeduri. Jargumentaw li ġaladarba l-Qorti kompetenti diġà pronunzjat ruħha dwar il-kwistjoni tal-attur rigward it-tibdil jew ir-revoka tal-Ordni ta' Iffriżar mhuwiex ir-rwol ta' din il-Qorti li tannulla u tirrevoka Ordni ta' Iffriżar maħruġ b'mod leġittimu.

Jgħidu li l-appellat qed jabbuża mill-proċedura kostituzzjonali għaliex qed jiftaħ proċeduri ta' din ix-xorta minħabba li huwa diġà ntavola aktar minn rikors wieħed quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jitlob ir-revoka tal-Ordni ta' Iffriżar u l-Qorti Kriminali, wara li studjat il-każ rat li ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed li permezz tagħha setgħet tilqa' dak ir-rikors. Iżid li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali mhumiex qrati ta' reviżjoni u għalhekk dawn il-proċeduri ma jistgħux jintużaw bħala forma ta' reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali. Jgħidu wkoll li l-Ewwel Qorti lanqas ma ħasbet sewwa fil-konsegwenzi li t-tħassir tal-Ordni tal-Iffriżar jista' joħloq, u ċioé li l-ordni konsegwenzjali ta' konfiska ma jkunx jista' jseħħ jekk l-appellant jinstab ħati u jirriżulta li kellu proprjetà akkwistata minn attivitá illeċita.

34. L-appellat iwieġeb li r-raġunament tal-appellanti huwa fallaċi għaliex id-Direttiva 2014/42/EU stess tisħaqq u teżiġi li miżura provviżorja bħalma hija Ordni ta' Iffriżar m'għandhiex tibqa' fis-seħħ aktar minn kemm ikun meħtieġ. Jgħid li barra minn hekk, jekk jiġi milqugħ dan ir-raġunament ikun qed jintilef kull sinjifikat u sens ta' rimedju effettiv. Jgħid li l-impożizzjoni tal-Ordni ta' Iffriżar fuqu għal dawn is-snin kollha ġabet magħha diversi riperkussjonijiet li kien u għadu qed ibatihom hu, u skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa intitolat li jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali u hija biss it-tneħħija tal-Ordni ta'

Iffriżar li tista' toffri rimedju xieraq u adegwat fid-dawl tal-leżjoni minnu mġarrba.

35. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> "Kwantu għat-tielet talba, ser tkun qed tiġi milqugħa. Li kieku din il-Qorti kellha tħalli din l-Ordni, ma tkunx qed tagħti rimedju effettiv fiċ-ċirkostanzi pjuttost pjetuż tal-każ. Jekk tonqos tkun qed tagħti pakkett sabiħ iżda battal minn ġewwa."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

36. Il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-argument tal-appellanti li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tħassar l-Ordni ta' Iffriżar maħruġ kontra l-appellat. Il-liġi tagħti lil din il-Qorti s-setgħa li tagħti dawk ir-rimedji li tqis li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi, u għalhekk m'hemm xejn fil-liġi li kien jimpedixxi lill-Ewwel Qorti milli tordna t-tħassir tal-Ordni ta' Iffriżar f'din il-kawża. L-argument tal-appellanti mbagħad li t-tħassir tal-Ordni *semmai* għandu jsir mill-Qrati ordinarji huwa manifestament fallaċi. Għalkemm huwa minnu li idealment ikunu l-qrati ordinarji li jiddeċiedu dwar jekk l-Ordni ta' Iffriżar għandux jibqa' fis-seħħ, irriżulta bħala stat ta' fatt, u anke ġie ammess mill-appellanti, li l-Qrati ordinarji fil-fatt ma jistgħux jagħmlu dan l-eżerċizzju għaliex l-Istat naqas milli jilleġisla f'dan is-sens b'detriment għall-appellat. Għall-istess raġuni huwa wkoll infondat l-argument tagħhom li l-appellat qiegħed jabbuża mill-proċeduri

kostituzzjonali. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjoni magħmula minnha fil-paragrafu 25 dwar id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija fir-rigward tal-attur stess, minn fejn jirriżulta ċar li l-Qorti Kriminali sabet li l-liġi ma tagħtix lil Qorti l-poter li tirrevoka ordni ta' friżar waqt li l-proċeduri jkunu għadhom pendenti.

37. Il-Qorti tkompli billi tosserva li għajr għal argumenti ġenerali dwar l-għan leġittimu tal-miżura, l-appellanti ma ressqu l-ebda argument li jikkontradiċi l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalita tal-Ordni ta' Iffriżar fil-kuntest ta' din il-kawża. Fil-fatt, minkejja li l-proċeduri kriminali kontra tiegħu ilhom pendenti tlettax-il sena għal provi tal-prosekuzzjoni, l-appellanti xorta waħda ma sabu l-ebda mod kif jiġġustifikaw il-kontinwata impożizzjoni tal-ordni ta' iffriżar in kwistjoni b'referenza għall-fattispeċi ta' dan il-każ partikolari, iżda llimitaw ruħhom biss li jagħmlu argumenti ġeneriċi, astratti u teoretiċi dwar in-neċessità u l-għanijiet leġittimi ta' ordnijiet ta' iffriżar b'mod ġenerali, u dan ukoll minkejja li mhux qed jiġi kkontestat li l-ordnijiet ta' iffriżar huma, b'mod ġenerali, miżuri neċessarji fil-ġlieda kontra l-kriminalità u li għalhekk għandhom għan leġittimu. B'mod partikolari l-appellanti naqsu milli jispjegaw lil din il-Qorti kif illum-il ġurnata għadu fl-interess pubbliku li l-Ordni ta' Iffriżar in kwistjoni jibqa' fis-seħħ fuq it-totalità sħiħa tal-assi tal-appellat (anke saħansitra fuq id-danni akkordati mill-Ewwel Qorti jekk l-appellanti jingħataw raġun) sakemm xi darba jiġu konklużi l-proċeduri

kontra tiegħu, u dan minkejja li almenu *prima facie* hemm dubju serju dwar xi qligħ seta' laħaq għamel l-appellat ikkonsidrat li d-'droga' ġiet interċettata mill-Pulizija, u saħansitra li dik id-'droga' ma hija droga xejn.

38. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar jekk għandhiex iżżomm fis-seħħ dan l-ordni magħmul mill-Ewwel Qorti jew le. Idealment ikunu l-Qrati ordinarji li jkunu qed jisimgħu u jgħixu l-kawża li jiddeċiedu dwar jekk Ordni ta' Iffriżar għandux jibqa' fis-seħħ jew le. Kif diġà ngħad però ma jistax isir proprju minħabba nuqqas tal-Istat. Wara li kkonsidrat dan, u ikkonsidrat ukoll il-mod pjetuż kif l-Avukat Ġenerali qed imexxi l-proċeduri kriminali kontra l-appellat, li l-proċeduri kriminali issa ilhom għaddejjin tlettax-il sena, u li wara tlettax-il sena l-appellanti ma rnexxilhomx jagħtu mqar raġuni waħda li hija konnessa mal-fatti tal-każ għalfejn l-Ordni ta' Iffriżar għandu jibqa' fis-seħħ, il-Qorti tqis li m'hemmx raġuni valida sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

39. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud. Peress li l-aggravju rimanenti tal-appellanti jirrigwarda l-ordni tal-Qorti li l-kumpens akkordat ma jiġix milqut mill-Ordni ta' Iffriżar, u peress li t-tħassir tal-Ordni ta' Iffriżar ser jiġi kkonfermat minn din il-Qorti, il-Qorti tqis li m'hemmx lok li tidħol fir-rimanenti tielet aggravju tal-appellanti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' limitatament l-ewwel u r-raba' aggravju tal-appellanti u tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġie dikjarat li l-appellat sofra ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, tiċħad il-bqija tal-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija safejn kompatibbli ma' din is-sentenza.

L-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal 90% mill-appellanti u in kwantu għal 10% mill-appellat.

Il-Qorti tordna li l-kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati skont l-Artikolu 242 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr